## F'JUM IL-MEWTA TAL-POETESSA GĦAWDXIJA

# MARY MEILAK

Kien fl-ewwel jum ta' Jannar il-kiesaħ,
meta ġa bexbex u ħarġet ix-xemx,
li ħarbet id-dalma u firxet is-sħana
u kollox ħa l-ħajja fejn donnu ma hemmx.

Aħbar l-iktar kerha, li tin*ed ġol-qalb,
dlonk ħarbet u xterdet ma' beltna:
li mietet Miss Meilak il-mara poeta
u nikta ta' għafsa inħasset ma' artna.

Imma fuq kollox fil-bniedem tas-sengħa
mhux kollox jispiċċa, mhux kollox jintemm,
il-mewt dak li tisraq irocdu ħaddieħor
imkebbes għal għajru b imħabba ta' ġenn.

Din l-ewwel poeta, il-mara Għawdxija,
imsaħħra fuq Għawdex għannitlu qatigħ,
u tibqa' tissemma u mafkar jinbena
f'quċċata jitpoġġa, isimha għall-ġieh.

DUN NIKOL VELLA APAP